# BINI: NEJJA JEW MAĦRUQA



LORNA VASSALLO
http://vassallolorna.com
www.facebook.com/lejnmaltaaaa

Għalkemm il-Maltin tradizzjonalment għandhom it-tendenza li jaħsbu li tagħhom huwa l-agħar jew l-inqas, statistika Ewropea turi ċar li hemm aspetti tal-kultura u tal-politika Maltija li huma ferm superjuri għal dawk tal-aqwa stati Ewropej.

Sal-lum f'Malta hawn biss 0.1 tal-popolazzjoni mingħajr tojlit bil-flaxing privat skont l-Eurostat. L-uniku pajjiżi fl-UE li għandhom inqas minna huma l-Iżvezja u r-Rumanija, li ġiet l-aħħar fl-istatistika fl-2019, għandha 24.2 tal-popolazzjoni bla tojlit li jifflaxxja privat.

Il-Maltin għandhom ukoll l-akbar djar fl-UE. Skont l-Eurostat fl-2021, kull ċittadin Malti kellu żewġt ikmamar punt tlieta (2.3) fejn jgħix filwaqt li l-medja fl-UE kienet biss kamra punt sitta (1.6). Fl-Italja kull ċittadin kellu biss kamra punt tlieta (1.3). L-Awstrijaċi kellhom biss kamra punt sitta (1.6) filwaqt li l-Pollakki kellhom kamra punt wieħed biss (1.1) għal kull persuna.

F'artiklu dwar din it-tema fl-imgħoddi kont tkellimt fuq kif wieħed mill-pajjiżi li jispikka fiċ-ċokon ta' postijiet ta' abitazzjoni huwa l-Ġappun. Apparti s-'sala mortwarja għall-ħajjin' (il-lukanda kapsula jew 'capsule hotel') li tikkonsisti fi speċi ta' kexxun naqra kbir b'arja magħmula apposta fejn wieħed jista' jorqod bla ma jmut (u li hemm min ilu jorqod fiha xhur twal) fil-Ġappun bħalissa qed isiru moda appartamenti bħal dak ta' 14.16 m.k. u anke 9.74 m.k. li kulma jiswa huwa $488 kull xahar!

Din il-moda tant qed tinfirex li bħalma t-taħżiż mal-ħitan f'ċerti bliet Ewropej saru jissejħu arti u kultura, hekk ukoll il-periti Ġappuniżi qed jedhew fil-mikro-arkitettura kkaratterizzata minn garigori, postijiet fejn tistiva l-ħwejjeġ taħt l-art, ħitan imissu ma' xulxin u faċċati dojoq qishom lapsijiet.

Ovvjament jekk għandna għalxiex nammiraw u nikkuppjaw lil dan il-pajjiż żgur mhux għall-qisien tal-appartamenti! Min-naħa l-oħra donnu li l-iżgħar pajjiż fl-Unjoni, aktar kemm m'għandux ġonna aktar isaqqaf: Ewropej tagħtih tant art jagħmel ġnien, Malti tagħtih art u jsaqqafha kollha. F'dan il-każ qajla nwaħħal fil-gvernijiet!

Iżda l-appartamenti mhumiex kbar għalxejn. Fond ta' kamra tas-sodda waħda Malta ma jistax, skont ir-regolamenti, ikun inqas minn 55 m.k. għalkemm hemm kwalifiki u kundizzjonijiet. Fond ta' żewġt ikmamar tas-sodda mill-inqas ta' 90 metru kwadru u dak ta' tlett ikmamar mill-inqas ta' 115-il m.k.

Din hija xi ħaġa ferm pożittiva. L-iżvantaġġ ta' dan kollu però huwa l-fatt li l-proprjetà saret tiswa ħafna flus. U kien proprju għalhekk li l-Gvern stess qed ikollu joħroġ skemi biex isostni koppji żgħażagħ u persuni separati. Fil-fatt din kienet l-unika soluzzjoni u soluzzjoni li ħadmet.

Regola oħra li tista' tidher ukoll xi ftit stramba hija li minn kull ħames appartamenti fi blokka mhux suppost ikun hemm aktar minn wieħed li jkun ta' kamra tas-sodda waħda (sakemm mhux f'każijiet speċifiċi). Għalkemm naqbel li ħadd m'għandu jibni konċentrazzjoni sħiħa ta' appartamenti ta' kamra tas-sodda waħda fl-istess blokka, jidher li hawn għatx kbir għal tali appartamenti għaliex qed isiru rari ħafna. Id-domanda eċċessiva għal dan it-tip ta' appartament turi li jista' jkun li l-politika tal-Gvern tista' tkun inqas drastika.

Iżda kif ġie rrapportat din il-ġimgħa (qed nassumi li l-istampa kienet veritiera), residenti li mhux Maltin u li forsi saħansitra qed jaħdmu b'kundizzjonijiet tax-xogħol inferjuri f'pajjiżna, mhumiex protetti mill-Gvern Malti. U l-unika soluzzjoni li qed jifdlilhom hija li jikru appartamenti li jissodisfaw il-kobor stabbilit bil-liġi imma jitrassu kollha fl-istess kamra. Apparti l-artiklu tal-ġimgħa li għaddiet, jien smajt b'każijiet fejn twavel jitpoġġew iserrħu mal-bank tal-kċina biex joħolqu speċi ta' sodda u jorqod fuqhom xi ħadd. U smajt ukoll li apparti n-numru ta' sodod li jiddaħħlu fl-istess kamra, dawn l-istess sodod jintużaw bix-xift. Nies li jaħdmu filgħaxija jorqdu fihom matul il-ġurnata u nies li jaħdmu matul il-ġurnata jużawhom matul il-lejl. Ovvjament, kollha allegazzjonijiet li jekk hu minnhom, juru stat ferm degradanti għal dawn il-povri ħaddiema barranin.

Biex nikkonkludi però, nistaqsi: x'inhu l-aħjar li nibnu appartamenti kbar li jiswew ħafna flus u li bilfors iridu jinkrew minn ħafna nies biex ikunu jistgħu jħallsuhom? Jew li nibnu aktar appartamenti iżgħar li anzi jassikuraw li forsi inqas nies jorqdu fl-istess post? Jekk hawn għatx għal appartamenti iżgħar għaliex dawn huma l-inqas disponibbli fis-suq? Forsi ta' min jirrifletti li mhux il-kobor tal-appartament per se jassikura għajxien xieraq iżda minn kemm jintuża l-appartament. U appartamenti iżgħar jistgħu jnaqqsu l-abbużi aktar minn appartamenti ikbar.

Filwaqt li ta' ħaddieħor hija nejja għax mar fl-estrem biex jakkomoda popolazzjoni kbira fl-iżgħar appartamenti, tagħna tista' tkun bilwisq maħruqa: l-iżgħar pajjiż, bl-akbar appartamenti imma bl-akbar numru ta' barranin fl-istess kamra?

N.B. Nawgura l-festa tas-7 Giugno lill-Maltin u Għawdxin kollha: din hija wkoll festa li tfakkar kif kienu mgħakksin il-Maltin taħt il-barrani u kif il-ħaddiem kien imċaħħad minn drittijiet bażiċi. Tfakkarna wkoll biex illum nipprovaw nassiguraw li barranin li jaħdmu f'pajjiżna ma nittrattawhomx tat-tieni klassi bħalma konna ttrattati aħna dak iż-żmien.

Għal kummenti jew suġġerimenti https://www.facebook.com/lejnmaltaaaa. Għal aktar artikli www.vassallolorna.com.

